MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2004

Appell Civili Numru. 1659/1995/1

**Nevada Limited u Cristad Limited**

**vs**

**Hubert Mifsud; Stefan Mifsud u Silvan Mifsud f'isimhom proprju; u H. Mifsud & Sons Limited**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

**IS-SENTENZA APPELLATA**

1. Dan hu appell interpost mill-konvenuti Hubert Mifsud, Stefan Mifsud u Silvan Mifsud f'isimhom proprju, u mis-socjeta` konvenuta H. Mifsud & Sons Limited minn sentenza moghtija fit-28 ta' Novembru 1998 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili li kienet tghid hekk:
"F'din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu li l-Qorti tghid illi l-konvenuti ma harsux il-pattijiet ta' ftehim bejniethom li jghid li l-konvenuti ma ghandhomx jidhru bhala agenti ghal persuni li qabel kienet tidher ghalihom socjeta` ohra.

IT-TALBIET TA' L-ATTURI

Ic-citazzjoni tghid illi kien sar kuntratt fil-5 ta' Jannar 1993 bejn, min-naha l-wahda, il-konvenuti Mifsud *proprio* flimkien ma' Katia Mifsud, li dehru bhala bejjiegha, u min-naha l-ohra, is-socjetajiet attrici li dehru bhala xerrejja. Wiehed mill-pattijiet tal-kuntratt, il-patt numru tmienja (8) jghid hekk:

<u>Undertakings by Vendors</u>

8. *The Vendors, or any one of them, shall not either on their own account or for any person, firm or company, solicit or interfere or endeavour to entice away from the Company S. Mifsud & Sons Ltd or any of its associated Companies any person, firm or company who at any time during the period of five (5) years immediately preceding the date of transfer of assets were principals of the said Company or Companies and shall not accept to act as agents of any such principal. This prohibition applies for a period of ten (10) years with regard to the principals listed in Annex C (except as therein stated), for a period of three (3) years with regard to other shipping principals and five (5) years for principals in travel and tourism. All dates are from the date of transfer of assets.*

Gara li, fix-xhur ta' qabel ma nfethet il-kawza, il-konvenuti Mifsud *proprio*, jew xi hadd minnhom, permezz tas-socjeta` konvenuta *H. Mifsud & Sons Limited*, u/jew f'isem dik is-socjeta`, dehru bhala agenti ghall-persuni, ditti jew kumpaniji li kienu *principals* tas-socjeta` *S. Mifsud & Sons*

*Limited* jew ta' socjetajiet ohra assocjati maghha, u dan bi ksur tal-patt imsemmi fuq.

Ghalkemm kienu msejha biex jimxu kif irid il-ftehim, il-konvenuti xorta baqghu jonqsu, u ghalhekk l-atturi fethu din il-kawza u qeghdin jitolbu illi l-Qorti tghid li l-konvenuti, jew tghid min mill-konvenuti, kisru l-ftehim ghax imxew bhala agenti ta' persuni li kienu *principals* tas-socjeta` *S. Mifsud & Sons Limited* jew ta' socjetajiet assocjati maghha, kontra dak li jghid il-patt numru tmienja (8) tal-ftehim. L-atturi talbu wkoll l-ispejjez, u zammew il-jedd li jmexxu f'kawza ohra biex jitolbu l-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni.

L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUTI

Il-konvenuti ressqu dawn l-eccezzjonijiet:

1. ic-citazzjoni hija nulla u l-atturi ma ghandhomx interess guridiku biex imexxu b'din il-kawza billi c-citazzjoni ma ssemmi ebda incident specifiku li dwaru l-konvenuti jistghu jwiegbu: it-talba hija ghal dikjarazzjoni ipotetika li ma tnissilx azzjoni, u l-konvenuti ma jistghux jiddefendu rwiehom;

2. l-azzjoni ma tistax issir kontra l-konvenuti kif gew imharrkin, ghax fuq il-kuntratt il-bejjiegha kienu, fost ohrajn, Hubert, Stefan u Silvan Mifsud, waqt li s-socjeta` *S. Mifsud & Sons Limited* ma dehritx bhala parti; ghalhekk, ghalkemm ic-citazzjoni tghid illi s-socjeta` *S. Mifsud & Sons Limited* kisret il-ftehim, din is-socjeta` ma tistax tkun legittimu kontradittur fil-kawza ghax il-kuntratt ma jorbothiex;

3. il-patt li fuqu hija mibnija l-azzjoni ta' l-atturi ma jiswiex ghax imur kontra l-Att XXXI ta' l-1994; u

4. it-talbiet huma infondati ghax ma sar ebda ksur tal-ftehim.

IL-FATTI

Il-fatti ta’ dan il-kaz graw hekk:

Fil-5 ta’ Jannar 1993 kien sar ftehim[1] bejn, min-naha l-wahda l-konvenut Hubert Mifsud, il-konvenut Stefan Mifsud, il-konvenut Silvan Mifsud, u Katia Mifsud, li dehru bhala bejjiegha, u, min-naha l-ohra, is-socjetajiet atturi, li dehru bhala xerrejja. Bis-sahha tal-ftehim il-bejjiegha bieghu lix-xerrejja l-ishma li kellhom fis-socjeta` *Huana Limited.*

Fost il-pattijiet tal-ftehim hemm dak bin-numru tmienja (8), migjub fuq, li jghid li l-konvenuti, la fl-interess taghhom u lanqas ghal haddiehor, ma ghandhom ifittxu li jiehdu xoghol minghand persuni li kellha l-agenzija taghhom is-socjeta` *S. Mifsud & Sons Limited* jew socjetajiet assocjati maghha. Fost dawn il-persuni hemm is-sid tal-bastimenti *M.T. Isola Turchese* u *M.T. Aries Erre.*

Gara li, fid-29 ta’ Gunju 1995, meta l-ftehim bejn il-partijiet kien ghadu jorbot, dahal Malta l-bastiment *M.T. Isola Turchese*[2], u fit-2 ta’ Awissu 1995 u fil-15 ta’ Awissu 1995 dahal il-*M.T. Aries Erre.* F’kull kaz l-agent ta’ dawn il-bastimenti kienet is-socjeta` konvenuta *H. Mifsud & Sons Limited.*

Billi s-socjeta` *H. Mifsud & Sons Limited* hija tal-konvenuti l-ohra, l-atturi qeghdin jghidu li dawn, bi ksur tal-ftehim, hadu l-agenzija tal-bastimenti; il-konvenuti, min-naha l-ohra, waqt li jagharfu li l-agenzija tas-sidien ta’ dawn il-bastimenti hija milquta bil-ftehim, qeghdin jghidu li s-socjeta` *H. Mifsud & Sons Limited* kienet l-agent mhux tas-sidien tal-bastimenti, izda tan-noleggjaturi, u li, billi l-ftehim kien jolqot l-agenzija tas-sidien, mhux tan-noleggjaturi, ma kien hemm ebda ksur tal-ftehim.

Qabel ma nqisu din l-allegazzjoni fil-meritu, izda, irridu qabel xejn inqisu l-ewwel tliet eccezzjonijiet li huma ta’ natura x’aktarx legali.

[1] Dok. D, foll. 18 *et seqq.*
[2] Ara fol. 27.

DWAR IN-NULLITA` TAC-CITAZZJONI U N-NUQQAS TA' INTERESS GURIDIKU

L-ewwel eccezzjoni tghid li c-citazzjoni saret hazin ghax ma fihiex taghrif bizzejjed biex il-konvenuti jistghu jikkontestaw it-talbiet; tghid ukoll li l-atturi ma ghandhom ebda interess guridiku.

Nibdew billi nqisu l-eccezzjoni safejn din trid in-nullita` tac-citazzjoni.

L-Art. 156(1)(a) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jrid li c-citazzjoni jkun fiha "tifsir car u sewwa ta' l-oggett u r-aguni tat-talba". Fil-fehma tal-Qorti, ic-citazzjoni fiha din it-tifsira li trid il-ligi, l-aktar fit-tielet premessa taghha li tghid hekk:

Peress illi f'dawn l-ahhar xhur il-konvenuti Hubert Mifsud, Stefan Mifsud u Silvan Mifsud, jew min minnhom, *tramite* u/jew a nom tas-socjeta` *H. Mifsud & Sons Ltd*, agixxew bhala agenti ghal persuni, ditti jew kumpaniji li kienu *principals* tal-kumpanija *S.Mifsud & Sons Ltd* jew ta' kumpaniji assocjati taghha in vjolazzjoni ta' l-imsemmija klawzola numru 8 tal-Kuntratt, u dana kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Din il-premessa tghid specifikament x'kien il-ksur tal-ftehim – li l-konvenuti permezz tas-socjeta` *H. Mifsud & Sons Ltd* imxew bhala agenti ghal persuni milquta bil-ftehim – li jservi bhala raguni ghat-talba. Huwa minnu li ma jissemmiex l-incident specifiku, izda dan it-taghrif hu moghti fid-dikjarazzjoni mahlufa ta' Adrian Mifsud li, fit-tielet paragrafu, tghid dwar liema bastimenti sar il-ksur allegat. Ghalhekk il-konvenuti kellhom taghrif bizzejjed fic-citazzjoni u fl-atti li kienu notifikati lilhom maghha biex setghu jiddefendu rwiehhom. Kien forsi jkollhom ragun il-konvenuti li kieku c-citazzjoni qalet biss li sar ksur tal-ftehim bla ma qalet ghala u ta' liema parti tal-ftehim – bhal ma ghamlu l-konvenuti stess meta qalu li l-ftehim jikser l-Att XXXI ta' l-1994 bla ma jghidu ghala u bla ma jsemmu l-Artikolu relevanti! – izda c-citazzjoni, fil-fehma tal-Qorti,

tassew li taghti "tifsir car u sewwa ta' l-oggett u r-raguni tat-talba".

Nghaddu ghat-tieni parti ta' l-eccezzjoni, li tghid li l-atturi ma ghandhomx interess guridiku.

L-interess ta' l-atturi gej mill-fatt li l-ftehim tal-5 ta' Jannar 1993 johloq drittijiet favur taghhom u li, ghall-inqas kif jghidu huma, dawn id-drittijiet ma kienux imharsa mill-konvenuti. Dawn il-fatti huma bizzejjed biex jaghtuhom interess biex imexxu b'din l-azzjoni. Ghax jekk tintlaqa' t-talba taghhom u l-Qorti tghid li l-konvenuti ma harsux il-ftehim, l-atturi jkunu jistghu jfittxu ghad-danni minhabba inadempiment ta' kuntratt. Dan ikun certament utli ghalihom, u, kif qalet il-Qorti ta' l-Appell, Sede Civili, f'sentenza moghtija fl-14 ta' Settembru 1988 fil-kawza fl-ismijiet Maria Giulia Millard *versus* George Said *et* [3], "Biex wiehed jista' jinghad li ghandu interess guridiku li jipproponi azzjoni, hemm bzonn li l-kawza li jipproponi tkun tista' tipproducilu rizultat utli jew vantaggjuz ghalih".

L-ewwel eccezzjoni hija, ghalhekk, michuda.

DWAR JEKK IS-SOCJETA` *H. MIFSUD & SONS LTD* HIX KUNTRADITTUR LEGITTIMU

It-tieni eccezzjoni tghid li, ladarba s-socjeta` konvenuta *H. Mifsud & Sons Limited* ma hix parti mill-ftehim, u ghalhekk ma hix marbuta bih, ma jistax ikun li kisret il-ftehim. Din l-eccezzjoni tolqot biss il-posizzjoni tas-socjeta` *H. Mifsud & Sons Limited* u mhux ukoll tal-konvenuti l-ohra ghax, jekk fil-meritu jirrizulta li dawn inqdew b'dik is-socjeta` biex hadu agenzija milquta bil-ftehim, ikunu mxew kontra l-ftehim, ukoll jekk l-eccezzjoni tintlaqa', ghax kienu ntrabtu li ma jaghmlux "*on their own account or for any person, firm or company*" dak li ma setghux jaghmlu huma nfushom.

Huwa minnu li s-socjeta` *H. Mifsud & Sons Limited* ma hix parti mill-ftehim; huwa wkoll minnu li hija persuna

[3] Vol. LXXII-II.299.

separata mill-konvenuti l-ohra, ghalkemm dawn ghandhom l-ishma taghha u l-konvenut Hubert Mifsud huwa wkoll id-direttur wahdieni taghha. Madankollu, il-principju ewlieni li fuqu hija mibnija l-ligi taghna, li jeghleb il-principji l-ohrajn u l-finzjonijiet legali kollha, huwal l-principju tal-*bona fides.* Jekk is-socjeta` serviet bhala *lunga manus* biex il-konvenuti evadew l-obbligazzjonijiet kuntrattwali taghhom – u dan, naturalment, qieghed jinghad bla pregudizzju ghall-kwistjoni fil-meritu, li ghad irridu narawha – mela, bhala strument taghhom kontrollat ghal kollox minnhom, ikollha twiegeb daqshom. F’gieh il-harsien tal-principju ewlieni tal-*bona fides*, il-Qorti ghandha wkoll is-setgha li thares lil hemm mill-finzjoni legali biex taghmel il-haqq u s-sewwa – biex, fil-kaz tal-lum, tafferma illi *pacta sunt servanda*. Dan il-principju gia` affermatu l-Qorti ta’ l-Appell, Sede Kummercjali, f’sentenza moghtija fit-22 ta’ Jannar 1992 fil-kawza fl-ismijiet Avukat Dr. Jose` Herrera *nomine* et *versus* Tancred Tabone *et nomine*[4].

Fil-fehma tal-Qorti, is-socjeta` konvenuta ghandha interess li tkun kontradittur f’din il-kawza ghax l-ezami tal-kwistjoni jekk kinitx strument f’idejn il-konvenuti l-ohra biex dawn jevadu l-obbligazzjonijiet taghhom jista’ jqanqal ir-responsabbilta` taghha. It-tieni eccezzjoni hija, ghalhekk, michuda.

DWAR L-ATT XXXI TA’ L-1994

It-tielet eccezzjoni tghid li l-ftehim bejn il-partijiet ma jiswiex ghax imur kontra d-dispozizzjonijiet ta’ l-Att XXXI ta’ l-1994, l-Att ta’ l-1994 dwar il-Kompetizzjoni. Lill-konvenuti ma dehrilhomx li ghandhom ghalfejn jghidu ghala l-ftehim imur kontra l-Att XXXI ta’ l-1994, jew ma’ liema Artikolu ta’ l-Att hemm konflitt; lanqas fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghhom tal-5 ta’ Novembru 1998 ma jfissru jew isahhu din l-eccezzjoni. Xehtu l-eccezzjoni u x-xoghol hallewh ghall-Qorti biex tfittex li tifhem x’kellhom f’mohhom.

---

4 Vol.LXXVI-II-321.

L-Att XXXI ta' l-1994 fih dispozizzjonijiet fl-Art. 5(1) tieghu dwar "akkordji u prattiki projbiti", u l-Art. 5(2) jghid li dawn l-"akkordji u prattiki projbiti" jkunu "*ipso iure* nulli u mhux esegwibbli"; ma hux il-kaz, izda, li naraw wiehed wiehed dawn il-pattijiet li ma jiswewx biex naraw il-ftehim ta' bejn il-partijiet hux xi wiehed minnhom, jew li ssir soprasessjoni tal-procedimenti kif irid l-Art. 27 ta' l-Att, ghax l-Att XXXI ta' l-1994 fih ukoll dispozizzjoni transitorja li tghid hekk:

32. Is-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 5 ma ghandux japplika ghal xi akkordju, decizjoni jew prattika legalment fis-sehh minnufih qabel il-bidu fis-sehh ta' l-Artikolu 5 ta' dan l-Att, sa l-gheluq ta' tmintax-il xahar mill-bidu fis-sehh ta' l-imsemmi Artikolu.

L-Att kollu dahal fis-sehh fl-1 ta' Frar 1995[5], waqt li l-ftehim kien sar fil-5 ta' Jannar 1993, u l-vjolazzjonijiet allegatament graw bejn id-29 ta' Gunju 1995 u l-15 ta' Awissu 1995. Ghalhekk, ghall-ftehim *de quo*, l-Art. 5(2) beda jsehh biss mill-1 ta' Awissu 1996, u f'kull kaz, ukoll jekk imur kontra d-dispozizzjonijiet ta' l-Att XXXI ta' l-1994, il-ftehim xorta kien ghadu jiswa meta grat l-ahhar vjolazzjoni.

It-tielet eccezzjoni, ghalhekk, hija wkoll michuda.

DWAR JEKK IL-KONVENUTI MXEWX KONTRA L-FTEHIM

Inqisu issa l-meritu tal-kawza, li hu jekk il-konvenuti kisrux il-ftehim ma' l-atturi meta s-socjeta` *H. Mifsud & Sons Ltd* hadet l-agenzija taz-zewg bastimenti msemmija fuq. Ma hux kontestat li s-sid tal-bastimenti hija s-socjeta` *Finaval s.p.a* li l-konvenuti ntrabtu biex ma jidhrux bhala agenti taghha, izda qeghdin jghidu li s-socjeta` taghhom ma kienitx agent tas-sid izda tan-noleggjaturi.

Fil-fatt, meta l-avukat ta' l-atturi kiteb lill-konvenut Hubert Mifsud biex isejjahlu jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-

[5] Avviz Legali 13 ta' l-1995.

danni talli ha l-agenzija taz-zewg bastimenti[6], l-avukat tal-konvenut wiegeb hekk[7]:

*Kindly note that Finaval, owners of the vessels M.T. Isola Turchese and M.T. Aries Erre were instructed and obliged by Tunisian cargo charterers to appoint H. Mifsud and Sons Limited as agents. In this regard, evidence is available to prove the above.*

Bhala prova li kienu n-noleggjaturi Tunezini li "gieghlu" lil *Finaval* jahtru lis-socjeta` konvenuta bhala agent, il-konvenuti wrew zewg *telexes* jew *faxes* li rcevew minghand *Finaval*[8]. F'dawn il-messaggi hemm migjub ukoll *verbatim* messagg minghand in-noleggjaturi, is-socjeta` *AETC Ltd* ta' Bermuda, lil *Finaval*. Li jridu jghidu l-konvenuti hu li, ghalkemm kienet *Finaval* li hatrilhom, dan ghamlitu f'isem *AETC Ltd* u fuq istruzzjonijiet ta' din. Fil-fatt, fil-messagg tat-23 ta' Gunju 1995[9], *Finaval* qalet lill-konvenuti illi "*Nostri noleggiatori AETC Ltd Bermuda ci hanno indicato la vostra agenzia per le operazioni di discarica nel vostro porto e con il presente vi confermiamo la nomina*".

Il-kontenut ta' dawn id-dokumenti, izda, juri li l-konvenuti ghandhom, qabel kull haga ohra, juru kif it-*Tunisian cargo charterers* imsemmija fl-ittra ta' l-avukat taghhom[10] saru socjeta` minn Bermuda.

Meta xehed fit-13 ta' Jannar 1998[11], il-konvenut Hubert Mifsud semma s-socjeta` *ETAP* ta' Tunis bhala t-*Tunisian cargo charterers* imsemmija fl-ittra. Din is-socjeta`, izda, hija r-ricevitur tal-merkanzija, mhux in-noleggjatur tal-bastiment, u s-socjeta` konvenuta ma kienitx agent ta' din is-socjeta` Tunizina. Kif sewwa qalu l-atturi fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom, il-konvenut fittex li jahrab mill-mistoqsija dwar kif it-*Tunisian cargo charteres* saru socjeta` minn Bermuda, meta hu, bhala professjonista fil-

[6] Dok. A, *fol*. 5.
[7] Dok. B, *fol*. 6.
[8] Dokk. HMS1 u HMS2, *foll*. 33 *et seq*.
[9] Dok. HMS2, *fol*. 34.
[10] Dok. B, *fol.* 6.
[11] Ara *foll.* 69 *et seqq.*

qasam marittimu, jaf sew id-distinzjoni bejn in-noleggjatur tal-bastiment u r-ricevitur tal-merkanzija.

Fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom, imbaghad, il-konvenuti fittxew li jaghtu tifsira ohra ghal din il-kwistjoni.

... ... ... ghal ragunijiet ta' segretezza kummercjali ma saritx riferenza ghall-identita` tac-*charterers* ... ... ... sabiex jigu protetti l-esponenti milli tali informazzjoni taqa' f'idejn il-kompetituri taghhom.

Fi kliem iehor il-konvenut inqeda bl-avukat tieghu biex jaghti taghrif li kien jaf li ma kienx minnu biex jibghat lill-atturi fuq pista hazina. Dan ifisser ukoll li meta xehed fit-13 ta' Jannar 1998, il-konvenut ma kienx qed ighid is-sewwa. Biex jipprotegi lilu nnifsu l-konvenut seta' qal lill-avukat tieghu biex jghid biss li ma kienx agent ta' *Finaval* u jieqaf hemm; ma kellux ghalfejn jaghti taghrif hazin, aktar u aktar ikompli fuq l-istess storja meta kien qed jixhed quddiem il-Qorti.

Apparti dan kollu, huwa minnu li l-hatra tas-socjeta` konvenuta giet fuq inizzjattiva ta' l-*AETC Ltd* ta' Bermuda, jew kienet *Finaval s.p.a.* li riedet bhala agent lis-socjeta` konvenuta mmexxija mill-konvenut Hubert Mifsud?

Meta xehed fit-13 ta' Jannar 1998 il-konvenut Hubert Mifsud qal ukoll li ma saret ebda komunikazzjoni bejnu u n-noleggjaturi; il-komunikazzjonijiet saru dejjem permezz ta' *Finaval*[12]*;* kienet ukoll *Finaval* li hadet hsieb il-hlas ta' l-ispejjez. Il-konvenut xehed ukoll li, ghalkemm kellu kuntatti ma' *Finaval* sa minn qabel dan l-episodju, ma' l-*AETC Ltd* ta' Bermuda ma kellux kuntatti qabel, u bilfors li saru jafu bih permezz tal-pubblicita` li kien jaghmel[13].

F'dawn ic-cirkostanzi, huwa difficli temmen li l-inizjattiva ghall-hatra tas-socjeta` konvenuta giet minn *AETC Ltd* ta' Bermuda, u mhux minn *Finaval*, aktar u aktar meta tqis li wara li l-konvenut Hubert Mifsud infired min-negozju ta' l-atturi, *Finaval s.p.a.* riedet tkompli mieghu u mhux ma' l-

[12] Ara *foll*. 57 *et seqq*.
[13] Ara *fol*. 58.

atturi. Dan jidher car minn ittra mibghuta minn *Finaval* fil-25 ta' Jannar 1993[14], wara li saru jafu bil-ftehim bejn il-partijiet.

Il-Qorti hija ghalhekk sodisfatta li kienet *Finaval s.p.a.* li hatret lis-socjeta` konvenuta bhala agent, u li dawn inqdew bil-mekkanizmu ta' hatra min-noleggjaturi bhala paraventu, biex jahbu dak li tassew kien qed jigri. Kien il-kuntatt li Hubert Mifsud kellu ma' *Finaval s.p.a.* meta kien ghadu ma nfiridx minn ma' l-atturi li wassal biex is-socjeta` konvenuta hadet l-agenzija, u kienet sitwazzjoni bhal din li l-ftehim kien mahsub li ma jhallix li ssehh.

Il-ftehim jghid li l-konvenuti "*shall not accept to act as agents*" ta' klijenti ta' l-atturi. Mela, ukoll jekk l-inizjattiva kienet ta' *Finaval s.p.a.* il-konvenuti partijiet fil-kuntratt kellhom l-obbligazzjoni li ma jilqghux l-agenzija. Meta laqghuha, wkoll permezz tas-socjeta` konvenuta li kienet socjeta` taghhom immexxija minnhom, kienu bi ksur tal-ftehim, u ghalhekk it-talba ta' l-atturi ghandha tintlaqa'.

Il-Qorti ghalhekk taqta' l-kawza billi, wara li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet ta' l-atturi u tghid li l-konvenuti kisru l-ftehim meta accettaw l-agenzija meritu tal-kawza.

L-ispejjez tal-kawza jhallsuhom il-konvenuti."

## L-APPELL TAL-KONVENUTI

2. Il-konvenuti appellaw minn din id-decizjoni billi avanzaw aggravji kemm legali kif ukoll fil-meritu kif ser jinghad.

Aggravju Preliminarju

3. In linea preliminarja (ara para 7 tar-rikors ta' appell), l-appellanti rrilevaw li s-socjetajiet attrici appellati ma gabux prova li huma sussidjarji tas-socjeta` *S. Mifsud & Sons Limited*, liema socjeta` hija l-parti fil-ftehim in kwistjoni tal-

[14] *Fol.* 74.

5 ta’ Jannar 1993; u dan ukoll billi din is-sussidjarjeta`, jekk fil-fatt tezisti, kienet essenzjali, jghidu l-appellanti, ghall-finijiet ta’ l-interess guridiku ta’ l-atturi.

Dwar dan l-aggravju, din il-Qorti ghandha tosserva li minn ezami ta’ l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti (ara fol. 11 u 12 tal-process) ma jidher li gie eccepit xejn bhalma issa l-appellanti dehrilhom opportun li jissolevaw in opposizzjoni ghat-talbiet attrici. Minbarra dan pero`, il-kuntrattt miftiehem bejn il-kontendenti (ara Dok D, a fol. 18 – 21 tal-process) jaghmel riferenza cara u diretta lejn is-socjeta` “*S. Mifsud & Sons Limited or any of its associated Companies*” bhala dawk l-entitajiet kummercjali li l-atturi kienu qeghdin jinkludu fil-ftehim ghall-fini tal-klawsola numru tmienja (8). Li kieku l-konvenuti kellhom tassew xi dubbju dwar is-sussidjarjeta` o meno tas-socjetajiet li dehru fuq l-iskrittura in relazzjoni mas-socjeta` *S. Mifsud & Sons Limited* kien messhom issollevaw dan fil-mument propizju u ressqu l-provi taghhom in sostenn u mhux jippruvaw “jissorprendu” tramite l-formulazzjoni ta’ eccezzjonijiet addizzjonali li ma tqanqlux fl-ewwel istanza. L-eccezzjonijiet preliminari li kienu tqajmu originarjament mill-konvenuti quddiem l-ewwel Qorti kienu jirreferu biss ghall-allegazzjoni li l-att tac-citazzjoni kien null in kwantu kien monk – eccezzjoni li ma gietx riportata fost l-aggravji ta’ l-appell – u li kien hemm karenza ta’ l-interess guridiku da parti ta’ l-atturi appellati – punt dan li l-ewwel Qorti dahlet fih u f’kull kaz, jidher altru milli evidenti minn qari tal-ftehim in iskritt milhuq bejn il-partijiet kontendenti. Ghalhekk dan l-aggravju preliminarju qieghed jigi respint stante li huwa infondat.

Dwar l-Aggravji fil-Meritu

4. L-aggravji l-ohra fil-meritu jikkonsistu fis-segwenti:

(i) li l-ewwel Qorti injorat id-distinzjoni u l-awtonomija tradizzjonalment ezistenti bejn l-armatur ta’ bastiment u n-noleggjatur tieghu, u li ghalhekk is-socjeta` appellanti ma dahlitx fi ftehim ta’ agenzija ma’ l-armatur izda man-noleggjatur;

(ii) li l-ewwel Qorti kkonkludiet li l-ftehim bejn is-socjeta` appellanti u n-noleggjatur sar b'xi intenzjoni li jigu evitati l-projbizzjonijiet kuntrattwali ta' l-appellanti, minghajr ma qieset dik l-istess Qorti li kienet haga regolari li bastimenti ta' l-armatur kienu jidhlu f'Malta f'diversi okkazzjonijiet tramite agenti differenti mill-agenti ta' l-armatur;

(iii) minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Qorti estendiet l-hekk imsejjah '*lifting of the corporate veil*' mhux biss fil-konfront tas-socjeta` appellanti *H. Mifsud & Sons Limited*, izda ppretendiet li setghet testendieh ukoll fil-konfront tas-socjetajiet esteri *Finaval s.p.a.* u *AETC Limited* ta' Bermuda, u dan minghajr ma kellha ghad-dispozizzjoni taghha informazzjoni dwar dawn is-socjetajiet u dwar l-individwalita` u l-awtonomija taghhom;

(iv) warrbet il-verzjoni tal-fatti ta' l-appellanti nonostante l-fatt sorrett mill-provi illi l-appellanti f'diversi okkazjonijiet kienu rrifjutaw agenziji ta' diversi armaturi esteri minhabba li dawn kellhom relazzjonijiet mas-socjetajiet attrici; ghalhekk huwa kontrosens li l-appellanti kienu se jaghzlu li jgharrqu l-buona fede taghhom kollha fuq inkarigu wiehed meta dawn kienu diga` rrinunzjaw ghal ghadd ta' offerti ta' agenziji;

(v) dwar l-eccezzjoni li s-socjeta` *H. Mifsud & Sons Limited* mhix kontradittur legittimu f'din il-kawza, din is-socjeta` ma tistax titqies marbuta mill-ftehim bejn l-atturi u l-konvenuti l-ohra; minghajr pregudizzju ghas-suespost, kemm-il darba l-ewwel Qorti estendiet ir-responsabbilita` ta' l-appellanti proprio ghall-agir tas-socjeta` mmexxija minnhom, dan l-argument ma jistax u ma kellux jigi applikat ukoll b'mod invers hekk li ftehim bejn persuni fil-kapacita` taghhom personali jorbot socjeta` mhux parti ghall-ftehim.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI FIL-MERTU</u>**

5. Dwar l-ewwel aggravju fil-mertu l-Qorti tibda billi tirrileva li ma tasalx biex tifhem kif il-konvenuti jaslu biex, fid-dawl ta' dak li esponiet l-ewwel Qorti b'tant hsieb fis-sentenza taghha, jikkritikawha li hija "injorat id-distinzjoni

u l-awtonomija tradizzjonalment ezistenti bejn l-armatur ta' bastiment u n-noleggjatur tieghu". Altru ssostni li ma taqbilx mal-mod kif iddecidiet l-ewwel Qorti u altru ssostni li din "injorat" distinzjoni daqstant bazilari u ovvja (anke mit-tifsira tal-kliem tohrog netta din id-distinzjoni!) bejn armatur ta' bastiment u noleggjatur. L-ewwel Qorti bdiet id-deliberazzjoni taghha dwar jekk il-konvenuti mxewx jew le kontra l-ftehim li huma kellhom ma' l-atturi appellati meta s-socjeta` *H. Mifsud & Sons Limited* hadet l-agenzija taz-zewg bastimenti *M.T. Isola Turchese* u *M.T. Aries Erre* billi qalet hekk,

"Ma hux kontestat li s-sid tal-bastimenti hija s-socjeta` *Finaval s.p.a.* li l-konvenuti ntrabtu biex ma jidhrux bhala agenti taghha, izda qeghdin jghidu li s-socjeta` taghhom ma kenitx agent tas-sid izda tan-noleggjaturi".

Mis-suespost gia` kien jidher evidenti kemm l-ewwel Qorti fehmet sew u mill-ewwel x'kienu jew x'riedu jsostnu l-konvenuti. Wara dan imbaghad l-ewwel Qorti analizzat pass pass, l-operat intier tal-konvenuti appellanti fid-dawl ta' dak li kull naha kienet qeghda tikkontendi. Il-konkluzjoni motivata ta' l-ewwel Qorti hija wahda netta, jigifieri li t-tezi tal-konvenuti ma kenitx wahda kredibbli. Difatti, l-ewwel Qorti affermat hekk,

"F'dawn ic-cirkostanzi, huwa difficli temmen li l-inizzjattiva ghall-hatra tas-socjeta` konvenuta giet minn *AETC Ltd* ta' Bermuda, (u mhux minn *Finaval*), aktar u aktar meta tqis li wara l-konvenut Hubert Mifsud infired min-negozju ta' l-atturi".

Imma l-Qorti ta' l-ewwel grad marret ferm aktar minn daqstant, u din il-Qorti wara li ezaminat partikolarment id-diversi deposizzjonijiet moghtija mill-appellant Hubert Mifsud ma tistax hlief taqbel pjenament mal-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti in kwantu finalment irriteniet, li,

"il-Qorti ghalhekk sodisfatta li kienet *Finaval s.p.a.* li hatret lis-socjeta` konvenuta bhala agent, u li dawn inqdew bil-mekkanizmu ta' hatra min-noleggjaturi bhala paraventu, biex jahbu dak li tassew kien qed jigri'." (Sottolinear ta' din il-Qorti)."

Dini l-Qorti hija tal-fehma li, bil-maqlub ta' dak li hemm sottomess fl-ewwel aggravju kif hawn fuq riportat, l-ewwel Qorti mhux minnu li injorat dak li ssemma mill-appellanti, u li inoltre l-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti hija dik korretta. Ghalhekk l-ewwel aggravju qieghed jigi respint.

6. Fit-tieni aggravju, l-appellanti jergghu jirrepetu ruhhom riferibbilment ghall-ftehim li suppost huma ghamlu man-noleggjatur a differenza tas-sid jew armatur tal-bastiment. L-unika differenza hawn mill-ewwel aggravju tinsab fl-osservazzjoni li l-ewwel Qorti ma qiesetx "li kienet haga regolari li bastimenti ta' l-armatur kienu jidhlu f'Malta f'diversi okkazjonijiet tramite l-agenti ta' l-armatur" u li mhux minnu li kien hemm qatt il-hsieb jew xi operat "biex jigu evitati l-projbizzjonijiet kuntrattwali" tal-konvenuti.

Din il-Qorti qieset dan l-aggravju fid-dawl tas-sottomissjonijiet li sarulha. Apparti li l-provi huma dawk li hemm fil-process u mhux argumenti u ragjonamenti li mhux dejjem jinsabu konfortati bi provi, il-punt jibqa' li l-konstatazzjonijiet li ghamlet l-ewwel Qorti dwar l-operat tas-socjetajiet involuti, kemm dawk lokali kemm ukoll dawk barranin, jaghmlu hafna sens. Kif tajjeb sostnew l-atturi appellati, l-appellanti nghataw kull opportunita` li jressqu prova konvincenti biex juru li huma kienu tassew gew nominati min-noleggjaturi bhala agenti u mhux mill-armatur imma l-prova li biha ttentaw jaghmlu dan – produzzjoni ta' *faxes/telexes* allegatament mibghutin minn *Finaval s.p.a.* – ma ssoddisfatx lill-ewwel Qorti, u lanqas lil din il-Qorti. Anki hawn, ma jirrizultax li l-ewwel Qorti skartat xi xiehda ingustament. Kien semplicement kaz fejn ix-xiehda moghtija mill-konvenuti ma kkonvincitx lill-ewwel Qorti u li kien ghalhekk li ma tatx affidament lejha, u ghall-ebda raguni ohra kif sottomess mill-appellanti. Il-fatt l-iehor, imbaghad, li kien hemm drabi fejn inhatru agenti differenti tan-noleggjaturi, minn dawk ta' l-armaturi ma jfissirx b'daqshekk li ma setax jinghad li f'dan il-kaz partikolari dak li sostnew l-atturi appellati ma sehhx tabilhaqq, kif appuntu irriteniet l-ewwel Qorti. L-appellanti lanqas jinnegaw li xi drabi l-agenti tan-noleggaturi jkunu differenti minn dawk ta' l-armaturi. Pero` xorta wahda jibqa' l-fatt li mill-provi akkwiziti jirrizulta li fil-verita` l-

appellanti <u>kienu agenti ta' l-armaturi *Finaval* s.p.a.</u> u li ppruvaw jimmanuvraw b'mod biex jahbu dan il-fatt. Dan l-aggravju ghalhekk huwa wkoll infondat.

7. L-appellanti jillanjaw ukoll mill-fatt li skond huma l-ewwel Qorti "estendiet 'l hekk imsejjah '*lifting of the corporate veil* mhux biss fil-konfront tas-socjeta` esponenti <u>*H. Mifsud & Sons Ltd*</u>, izda ppretendiet li setghet testendieh ukoll fil-konfront tas-socjetajiet esteri <u>*Finaval* s.p.a.</u> u <u>*AETC Limited*</u> ta' Bermuda ..."

Din il-Qorti ezaminat is-sentenza appellata fid-dawl ta' dan l-aggravju izda, bir-rispett kollu, ma rriskontratx dak li qeghdin jallegaw l-appellanti. Kull ma jirrizultalha hu semplicement li l-ewwel Qorti, wara li analizzat akkuratament il-provi prodotti, ma emmintx dak li l-konvenuti appellanti ppruvaw jallegaw. Issa bil-fatt li l-provi ta' l-appellanti nstabu li kienu wkoll insufficjenti, b'daqshekk l-ewwel Qorti ma tistax tigi kkritikata b'xi irregolaritajiet procedurali. Ifisser biss li l-appellanti konvenuti ghamlu asserzjoni ta' fatt fis-sens li riedu jeskludu xi intervent dirett da parti tas-sidien tal-bastimenti <u>*de*</u> <u>*quo*</u> izda ma rnexxilhomx jikkonvincu lill-Qorti b'dan.

8. Dwar ir-raba' aggravju li l-Qorti warrbet il-verzjoni korretta tal-fatti, din il-Qorti gia` esprimiet ruhha fis-sens li hija gharblet il-motivazzjonijiet moghtija mill-ewwel Qorti u hija tal-ferma konvinzjoni li d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti kienet wahda gusta u ghal kollox korretta. Kif gia` inghad precedentement, il-fatt li l-konvenuti wrew li kien hemm kazi fejn huma rrifjutaw xoghol minn agenziji ohrajn minhabba l-obbligi kontrattwali assunti minnhom ma jfissirx ukoll li ma setghux imxew diversament ma' haddiehor. Il-konvenuti hekk allegaw izda l-ewwel Qorti, u din il-Qorti tikkondividi tali fehma, dehrilha li hemm provi bizzejjed li juru li fil-kaz in ezami l-konvenuti ghazlu li jimxu mod iehor u dahlu f'rapport dirett ma' l-armaturi jew sidien tal-bastimenti a skapitu ta' l-appellati u bi ksur tal-ftehim.

9. Fl-ahharnett, bhala hames aggravju, l-konvenuti appellanti jsostnu li s-socjeta` <u>*H. Mifsud & Sons Limited*</u>

ma kenitx parti kontraenti u kwindi lanqas setghet tkun kontradittur legittimu f'din il-kawza. Il-ftehim _de_ _quo_ sar bejn l-appellati u l-appellanti konvenuti personalment. F'kull kaz imbaghad, ftehim bejn il-partijiet ma seta' qatt jigi legalment estiz biex jorbot ukoll socjeta` li m'hijiex parti minnu, imqar jekk il-ftehim sar minn persuni li kellhom rabta maghha.

Il-Qorti qieset dan l-ahhar aggravju. Il-konvenuti huma korretti fejn jghidu li fuq il-kuntratt _de_ _quo_, il-konvenuti appellanti dehru fil-kapacita` personali taghhom. Izda huma zbaljati, kif gustament gie rilevat mill-appellati fir-risposta taghhom ghall-appell interpost, meta jghidu li r-rabta kienet li ma jsirx negozju ma' klijenti tas-socjetajiet attrici. Ir-rabta kienet intiza biex tkopri klijenti ta' SMS u ta' socjetajiet assocjati taghha.

10. Kif tajjeb argomentaw l-appellati, ghandu jkun pacifiku li fejn jirrizulta li socjeta` tintuza bi skop li jigu evitati obbligi personali, il-Qrati ghandhom is-setgha li joqghodu fuq "il-verita`sostantiva, u mhux lejn il-finzjonijiet legali". Il-personalita` guridika separata moghtija lis-socjetajiet titqies bhala privilegg moghti mil-ligi, liema privilegg m'ghandux jigi abbuzat. Is-socjeta` _H. Mifsud & Sons Limited_ ma setghetx kienet injara minn dak li gara ghax kienet qeghda titmexxa mill-istess konvenuti. Fejn allura socjeta` tkun kompartecipi f'operat simili, ghandha gustament tinzamm responsabbli _in_ _solidum_ ma min ikun assuma l-obbligu principali. Ghalhekk ukoll dan l-aggravju qed jigi respint.

Ghal dawn ir-ragunijiet:
Tideciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell tal-konvenuti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------